MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 2614/1998/1

Norbert u Elizabeth miżżewġin **McKEON**

vs

Emanuele **AZZOPARDI** u martu Rita Azzopardi, u Mario Borġ u martu Marcom Borġ

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-14 ta' Diċembru, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-appartament internament markat bin-numru tlieta (3), u li jinsab fit-tielet sular fil-blokka ta' appartamenti bl-isem ta' "*Starlight Apartments*", fi Triq ir-Ramel, San Pawl il-Baħar, mixtri minnhom mingħand l-

imħarrkin Emanuel Azzopardi u Mario Borġ ma nbeniex skond il-permessi maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti u kif mitlub mil-liġi; (b) issib li l-imħarrkin kisru waħda mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt tal-bejgħ tal-imsemmi appartament meta wiegħdu u iggarantew li l-bini ttella' bis-sengħa u l-arti u bil-permessi skond il-liġi; (ċ) issib li huma daħlu għall-imsemmi bejgħ b'riħet il-qerq tal-istess imħarrkin, u għalhekk il-kunsens tagħhom kien vizzjat b'dak il-qerq; (d) tħasssar il-kuntratt ta' bejgħ tal-istess appartament, jiġifieri dak pubblikat fil-25 ta' Mejju, 1993, fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, u dan għar-raġunijiet ta' nuqqas ta' twettiq tar-rabtiet kuntrattwali u tal-qerq imwettaq mill-imħarrkin; (e) taħtar nutar pubbliku biex jippubblika l-att relattiv ta' rexissjoni tal-kuntratt tal-bejgħ fuq imsemmi, u dan fil-jum, ħin u post li l-Qorti jogħġobha tiffissa, u kif ukoll billi taħtar kuraturi sabiex jidhru f'isem dawk li jonqsu li jersqu għall-imsemmi kuntratt; (f) issib li l-imħarrkin jaħtu għad-danni mġarrbin minnhom minħabba f'dak li ġara; (g) tillikwida d-danni mġarrbin minnhom bi ħtija tal-imħarrkin; u (ġ) tikkundanna lill-imħarrkin iroddulhom lura s-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm 4,000)[1] li tħallsu bħala prezz tal-bejgħ u jħallsuhom id-danni kif likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fl-20 ta' April, 1999, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, eċċepew il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi kemm taħt l-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili, u kif ukoll taħt l-artikolu 1407 u l-artikolu 1431 tal-istess Kodiċi. Laqgħu ukoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu, billi ċaħdu li l-bini ma nbeniex skond ma jitolbu s-sengħa u l-ħila, ċaħdu li l-kuntratt kien vizzjat b'xi qerq, u ċaħdu li l-atturi ġarrbu xi ħsara jew dannu. Minħabba li l-atturi kienu midjuna lejhom għal sitt mija u tmintax-il lira Maltin (Lm 618)[2], ressqu wkoll kontro-talba;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-imħarrkin li biha talbu li l-Qorti tikkundanna lill-atturi rikonvenzjonati jħallsuhom is-somma ta' Lm 618 bħala sehemhom min-nefqa tal-istallazzjoni ta' *lift* intern li jservi l-appartamenti tal-blokka,

[1] Li jġibu € 9,317.50 fi flus tal-lum
[2] Li jġibu € 1,439.55 fi flus tal-lum

u dan kif l-istess atturi ntrabtu li jħallsu skond il-kuntratt tax-xiri. Talbu l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-atturi rikonvenzjonati fis-16 ta' Ġunju, 1999, li biha laqgħu għall-azzjoni rikonvenzjonali billi qalu li l-kuntratt innifsu jistħoqqlu jitħassar, li l-*lift* tqiegħed f'post li ma kienx tajjeb għal daqshekk u mhux skond ma jitolbu s-sengħa u l-ħila u li, f'kull każ, il-fond ma hux adattat għal tqegħid fih ta' *lift*;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Novembru, 1999[3], ħatret bħala perit tekniku lill-Arkitett David Paċe biex ifittex u jirrelata dwar l-aspett tekniku u d-danni, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet ta' natura legali;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem il-Qorti;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Jannar, 2007[4], li bih ordnat lill-partijiet iressqu n-Noti ta' Sottomissjonijiet tagħhom lill-perit tekniku fiż-żmien hemm imsemmi, ħalli l-perit ikun f'qagħda li jgħaddi għar-rapport;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-22 ta' Mejju, 2007[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin waqt is-smigħ tat-2 ta' Ottubru, 2007[6], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Novembru, 2007[7], li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, ordnat lill-Perit Tekniku jgħaddilha lura l-proċess, sabiex il-partijiet jittrattaw dwar l-aspetti legali marbutin mal-każ li jmorru lil hinn mill-konsiderazzjonijiet li jmissu jieħu l-istess perit tekniku fil-ħatra tiegħu;

[3] Paġ. 22 tal-proċess
[4] Paġ. 126 tal-proċess
[5] Paġġ. 128 – 9 tal-proċess
[6] Paġġ. 179 sa 185 tal-proċess
[7] Paġ. 187 tal-proċess

Rat id-degrieti tagħha tas-26 ta' Frar, 2008, u tat-22 ta' Mejju, 2008, li bih tawlet iż-żmien lill-atturi biex iressqu n-Nota ta' Sottomissjonijiet b'replika;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet b'replika mressqa mill-atturi waqt is-smigħ tal-1 ta' April, 2009[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ulterjuri mressqa mill-imħarrkin waqt is-smigħ tad-19 ta' Jannar, 2010[9];

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Jannar, 2010, li bih u fuq talba tal-imħarrkin, ippermettiet li titressaq eċċezzjoni ulterjuri, għall-finijiet tal-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u waqqfet il-ħatra tal-perit tekniku sakemm tingħata deċiżjoni fuq dik l-eċċezzjoni u l-oħrajn imressqin qabel dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi;

Rat in-Nota ta' Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-imħarrkin waqt is-smigħ tad-19 ta' Jannar, 2010, li biha eċċepew ukoll il-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi taħt l-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' April, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar jekk l-azzjoni attriċi waqgħetx bil-preskrizzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' kuntratt ta' xiri-u-bejgħ u għad-danni. L-atturi jgħidu li l-appartament li huma kisbu mingħand l-imħarrkin (u li huwa d-dar fejn joqogħdu) ma kienx mibni skond il-permessi maħruġa u ma kienx mibni kif jitolbu s-sengħa u l-arti. Jgħidu li l-imħarrkin qarrqu bihom u kisru l-wegħda li kienu għamlu fil-kuntratt ta' xiri-

[8] Paġġ. 198 sa 204 tal-proċess
[9] Paġġ. 209 sa 216 tal-proċess

u-bejgħ meta iggarantew li l-appartament inbena skond il-permessi maħruġa mill-awtoritajiet. Iridu li jitħassar il-kuntratt imsemmi, u li l-imħarrkin iroddulhom il-prezz imħallas u wkoll jagħmlu tajjeb għad-danni mġarrbin minnhom konsistenti fin-nefqa għat-titjib li huma għamlu fil-post u f'kemm se' jkollhom iħallsu aktar biex isibu jixtru post ieħor minflok dak miksub mingħand l-imħarrkin;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni attriċi waqgħet biż-żmien li fih messha saret. Laqgħu wkoll fil-mertu, billi ċaħdu li huma qarrqu bl-atturi, ċaħdu li naqsu minn xi wegħda jew rabta li huma daħlu għaliha fil-kuntratt, u warrbu l-pretensjoni tal-atturi li huma daħħluhom f'xi danni. Minbarra dan, huma ressqu kontro-talba kontra l-atturi biex jitolbuhom iħallsu sehemhom min-nefqa għall-istallazzjoni ta' *lift* fil-blokka ta' bini li minnu jagħmel l-appartament miksub mill-atturi;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-eċċezzjonijiet tal-preksrizzjoni mqanqlin mill-imħarrkin. Irid jingħad li, fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet oriġinali, l-imħarrkin ressqu tliet eċċezzjonijiet separati dwar il-preskrizzjoni (li, fil-fatt, huma termini ta' dekadenza), u jiġifieri taħt l-artikoli 1407, 1431 u 1222 tal-Kodiċi Ċivili. Meta l-kawża kienet riesqa għall-fażi li l-perit tekniku jgħaddi biex iressaq ir-Rapport tiegħu, l-imħarrkin qanqlu eċċezzjoni oħra ta' preskrizzjoni, jiġifieri dik taħt l-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża u li huma rilevanti għall-finijiet ta' din is-sentenza, jirriżulta li f'xi żmien matul l-1992, l-atturi kienu daħlu f'att ta' konvenju biex jiksbu appartament li jagħmel minn blokka ta' bini li kienet għadha qiegħda tinbena fuq plott dsatax (19) fi Triq ir-Ramel, Buġibba, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar. Dak iż-żmien kienu għadhom għarajjes u l-appartament kien għadu fuq il-pjanta[10]. L-aħħar permessi tal-bini nħarġu f'Novembru tal-1992[11];

[10] Xhieda ta' l-imħarrek Borġ 12.4.2000, f'paġ. 37 tal-proċess
[11] Dok "JS1", u xhieda tal-A.I.Ċ. Anthony Fenech Vella 21.1.2004, f'paġġ. 29 u 84 tal-proċess

Illi b'kuntratt ippubblikat fil-25 ta' Mejju, 1993[12], l-atturi kisbu l-imsemmi appartament, fit-tielet sular, internament markat bin-numru tlieta (3) u li jagħmel mil-binja bl-isem ta' "*Starlight Apartments*", fi stat ta' ġebel u saqaf[13], bil-prezz ta' erbat elef lira Maltin (Lm 4,000) u bil-patti u kundizzjonijiet oħrajn hemm imfissra. Dak inhar tal-kuntratt, l-atturi ħallsu biss tlitt elef lira (Lm 3,000) mill-prezz miftiehem u l-bilanċ ta' elf lira kellhom iħallsuh sa Diċembru ta' dik l-istess sena bla mgħax. Saret dikjarazzjoni li l-"flat huwa mibni bis-sengħa u bl-arti u bil-permessi regolari skond il-liġi". F'Awissu tal-1993[14] inħareġ ċertifikat mid-Direttorat tal-Ippjanar li jikkonferma li l-binja taqbel mal-permessi maħruġa[15];

Illi l-atturi ħadu ħsieb itemmu x-xogħlijiet fl-appartament u jarmawh bl-għamara. L-atturi żżewġu u marru jgħixu fl-imsemmi appartament;

Illi f'xi żmien wara (li ma ġie qatt speċifikat tul is-smigħ tal-kawża) twaħħal *lift* komuni għall-ambjent tal-blokka, wara li tliet koppji minn fost dawk li kienu jgħixu fl-appartamenti kienu għamlu l-għażla tal-mudell u tad-ditta li kellha tistallah;

Illi f'Mejju tal-1998, l-atturi talbu lill-imħarrkin b'ittra uffiċjali biex jersqu għat-tħassir tal-kuntratt. Il-kawża nfetħet f'Diċembru tal-1998;

Illi għall-<u>kunsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjonijiet</u> taħt eżami, jeħtieġ li l-Qorti tagħmel żewġ eżerċizzji. L-ewwel wieħed hu biex tagħraf l-għamla ta' azzjoni mressqa mill-atturi. It-tieni wieħed hu li tqis jekk l-azzjoni attriċi waqgħetx tassew billi għadda ż-żmien li fih setgħet titressaq, u dan fid-dawl tal-erba' ċirkostanzi maħsuba fl-erba' eċċezzjonijiet imqanqlin mill-imħarrkin dwar il-preskrizzjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex azzjoni taqa' bi preskrizzjoni li tgħodd għaliha u mhux b'kull żmien preskrittiv ieħor li l-parti mħarrka jidhrilha li għandha tinvoka;

---

[12] Dok "X", f'paġġ. 5 – 8 tal-proċess
[13] Xhieda tal-imħarrek Azzopardi 26.4.2005, f'paġ. 111 tal-proċess
[14] Dok "JF4", f'paġ. 96 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Martin Farruġia 18.1.2005, f'paġġ. 107 – 8 tal-proċess

Illi minn dak li jidher mill-premessi tal-azzjoni attriċi u, b'rabta magħhom, mit-talbiet, jidher ċar li l-azzjoni attriċi hija waħda ta' rexissjoni ta' kuntratt minħabba nuqqas ta' twettiq tar-rabtiet kuntrattwali u minħabba vizzju tal-kunsens. It-talbiet għar-rifużjoni tal-prezz imħallas u tal-likwidazzjoni u lħlas tad-danni jridu jinftehmu f'dan il-qafas. Għalkemm, fil-waqt li kienu qegħdin isiru s-sottomissjonijiet, l-atturi aċċennaw għal "fond *de quo* milqut minn difetti moħbija", l-Qorti m'hijiex sejra tqis l-azzjoni bħala waħda mibnija fuq l-azzjoni redibitorja (mnissla mill-garanzija kontra d-difetti mistura) għaliex dan ma joħroġx mill-Att taċ-Ċitazzjoni, li speċifikatament jinbena fuq in-nuqqas ta' bini mtella' skond l-arti u s-sengħa u fuq l-inadempiment kuntrattwali dwar bini mhux mibni skond il-permessi maħruġa[16] u fuq il-vizzju tal-kunsens minħabba qerq. F'dan ir-rigward, għalhekk, l-imħarrkin għandhom raġun jgħidu li b'Nota ta' Sottomissjonijiet f'kawża ma jistgħux jinħalqu premessi jew talbiet ġodda;

Illi, mbagħad, l-atturi nfushom jgħidu li m'humiex isejsu l-azzjoni tagħhom fuq l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili[17]. Din hija għażla tagħhom u l-Qorti trid tirrispettaha u tqis l-implikazzjonijiet ta' dikjarazzjoni bħal din. Dan ifisser li l-azzjoni attriċi, minkejja li ddur madwar il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ, hija waħda mibnija fuq it-tħassir ta' kuntratt minħabba l-vizzju tal-kunsens ta' waħda mill-partijiet[18] u fuq in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali[19], safejn dawn iż-żewġ azzjonijiet jistgħu joqogħdu flimkien;

Illi kif ingħad qabel, l-eċċezzjonijiet imqanqlin mill-imħarrkin biex iwaqqfu l-azzjoni attriċi huma mibnija fuq l-artikoli 1222, 1224, 1407 u 1431 tal-Kodiċi Ċivili. Issa jiġi li ladarba l-azzjoni attriċi m'hijiex mibnija la fuq il-kawżali ta' bejgħ ta' ħaġa mhux tal-kwalita' miftehma u lanqas fuq dik tad-difett redibitorju, kemm l-eċċezzjoni mibnija fuq l-

[16] Ara App. Ċiv. **29.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldassare Buġeja et vs George Muscat pro et noe et*** imsemmija mill-imħarrkin fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom

[17] Par. 15 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, f'paġ. 202 tal-proċess

[18] Art. 1212 tal-Kap 16

[19] Art. 1125 tal-Kap 16

artikolu 1407 u dik mibnija fuq l-artikolu 1431 ma jgħoddux għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-ebda waħda mill-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Illi jifdal li l-Qorti tqis jekk kemm-il darba ż-żewġ żminijiet preskrittivi li jgħoddu għaż-żewġ eċċezzjonijiet l-oħrajn humiex mistħoqqa f'dan il-każ. L-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili jitkellem dwar iż-żmien biex jitħassar ftehim minħabba l-vjolenza, l-iżball, l-egħmil doluż, l-istat ta' interdizzjoni jew minħabba nuqqas ta' eta'. Dak l-artikolu jitkellem dwar żmien ta' sentejn li fih l-azzjoni trid titressaq 'il quddiem. Fil-każ tal-vjolenza, dak iż-żmien, jibda jgħodd minn dak inhar li l-vjolenza tintemm jew, fil-każ tal-iżball, egħmil doluż jew kawża falza, minn dak inhar li jinkixef id-difett[20]. Min-naħa l-oħra, l-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili jrid li, fil-każijiet li ma jaqgħux taħt l-artikolu 1222, iż-żmien li fih trid issir l-azzjoni għat-tħassir tal-kuntratt hu ta' ħames snin li jibdew jgħaddu minn dak inhar li l-azzjoni tista' titmexxa, bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd għal dik l-azzjoni;

Illi minn dak li rajna aktar qabel, il-kawżali li dwarha l-atturi qegħdin jitolbu t-tħassir tal-kuntratt huma l-vizzju tal-kunsens u l-inadempiment kuntrattwali. L-għamla ta' vizzju tal-kunsens pretiż hija l-qerq jew l-egħmil doluż. F'dan il-każ, biex jgħodd l-artikolu 1222, irid jitqies meta jkun inkixef l-iżball. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, ta' min iżomm quddiem għajnejh li fil-każ ta' qerq bħala vizzju tal-kunsens, dak li jgħodd għall-preskrizzjoni m'huwiex esklussivament il-jum meta jkun sar il-ftehim li l-parti trid tħassar, iżda meta dik il-parti tkun intebħet li l-parti l-oħra qarrqet biha. Dan huwa sewwa wkoll għaliex iħares regola oħra ewlenija dwar il-mixi taż-żmien preskrittiv li tinsab fl-artikolu 2137 tal-istess Kodiċi;

Illi f'dan il-każ, kien jaqa' fuq l-imħarrkin li juru li ż-żmien invokat minnhom fl-imsemmija eċċezzjoni kien tassew

[20] Art. 1223(1) tal-Kap 16

għadda u, tal-anqas, minn meta jmissu beda għaddej. L-imħarrkin ma għamlu xejn minn dan. Iċ-ċirkostanza li jidher li skattat it-tħassib tal-atturi dwar x'seta' għadda minn għalihom kienet meta twaħħal il-*lift* komunali fil-post u dehru n-nuqqasijiet jew anomaliji tal-għatba fejn kienet tieqaf l-istess *lift*. Iżda dan żgur kien żmien wara li l-atturi daħlu fil-kuntratt mal-imħarrkin. U, kif ingħad aktar qabel, l-ebda waħda mill-partijiet ma tat ħjiel matul is-snin kollha li ilhom iressqu l-provi f'din il-kawża, meta kien li l-imsemmi *lift* tqiegħed fil-blokka ta' appartamenti. Minbarra dan, l-imħarrkin lanqas biss reġgħu irreferew għal dan l-artikolu fis-sottomissjonijiet tagħhom. Għall-kuntrarju, minflok, huma ressqu eċċezzjoni oħra imsejsa fuq l-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili li espressament jgħodd biss għal ċirkostanzi ta' azzjoni ta' rexissjoni li ma jaqgħux taħt l-artikolu 1222 tal-imsemmi Kodiċi;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti ssib li l-azzjoni attriċi ma waqgħetx biż-żmien imsemmi fl-artikolu 1222, u għalhekk lanqas din l-eċċezzjoni m'hija sejra tintlaqa';

Illi jifdal li l-Qorti tqis l-eċċezzjoni ulterjuri mibnija fuq l-artikolu 1224. Issa tajjeb jingħad li dan l-artikolu ma jgħoddx għal dawk l-azzjonijiet ta' danni li jinbnew fuq in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali. Għal azzjonijiet bħal dawk (u diġa' rajna li l-azzjoni attriċi hija mibnija wkoll fuq din il-kawżali) tgħodd dispożizzjoni oħra tal-liġi, għalkemm iż-żmien preskrittiv huwa l-istess bħal dak maħsub fl-artikolu 1224, jiġifieri ta' ħames snin[21];

Illi għalhekk ladarba l-kawżali l-oħra (jiġifieri dik tal-vizzju tal-kunsens minħabba l-qerq allegatament imwettaq mill-imħarrkin) ma taqax bl-ebda mod fiċ-ċirkostanzi maħsuba fl-imsemmi artikolu 1224 tal-Kodiċi, lanqas jista' jingħad li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni (dekadenza) maħsuba f'dak l-artikolu jiġi li lanqas f'dan il-każ ma jista' jingħad li l-azzjoni waqgħet biż-żmien kif iridu l-imħarrkin;

---

[21] App. Ċiv. Inf. **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Chetcuti et vs Rosario Gatt et***

Illi għal kull fini xieraq jingħad ukoll li l-ebda wieħed miż-żminijiet preskrittivi ta' ħames snin li jistgħu jgħoddu għall-każ ma jistgħu jirnexxu ladarba l-kuntratt impunjat sar f'Mejju tal-1993, l-atturi kienu bagħtu ittra uffiċjali f'Mejju tal-1998, u l-kawża nfetħet f'Diċembru tal-1998. B'dan il-mod, ma jidhirx li fl-ebda każ ma għadda ż-żmien ta' ħames snin bejn ċirkostanza u oħra;

Illi għal dawn ir-raġunijiet ukoll, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri mqanqla mill-imħarrkin;

Għal dawn ir-raġunjiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi:

**Tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari u wkoll l-eċċezzjoni ulterjuri** tal-imħarrkin, bl-ispejjeż kontra tagħhom, u tiddikjara li l-azzjoni attriċi ma waqgħetx bil-preskrizzjoni u tressqet f'waqtha;

**Tordna** li l-atti tal-kawża jerġgħu jintbagħtu lill-Perit Tekniku biex ifassal ir-rapport peritali skond il-ħatra mogħtija lilu fl-24 ta' Novembru, 1999, u tħalli l-kawża għar-rapport għas-smigħ ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Ottubru, 2010, fid-disgħa ta' filgħodu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------